Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Numru 45/2003

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Emanuel Cilia, iben Lawrence,
imwieled Pieta' fis-16 ta' jannar,
1956

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' diċembru, 2002 ġewwa Ħal-Balzan u bnadi oħra f'Malta –

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew ipoġġi l-ħajja f'perikolu ċar iżda biss bil-ħsieb li jagħmel offiża gravi fuq il-persuna ta' ħaddieħor, ikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' Susanne Cilia;
2. ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Susanne Cilia hekk kif iċċertifika Dr. Artemis Vlastarakou

M.D. ta’ l-Isptar San Luqa u Dr. Galea M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;
3. imbotta lil Susanne Cilia fit-triq biex iweġġagħa jew jinsulenta;
4. volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;
5. bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew b’għajjat, jew b’mod ieħor;
6. volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta’ dagħa fil-pubbliku;
7. inġurja u hedded, b’mod li joħroġ mill-limiti tal-provokazzjoni lil martu Susanne Cilia;
8. talli f’dawn il-Gżejjer, saq vettura bin-numru tar-reġistrazjoni EMM 333 b’manjiera perikoluża u b’mod traskurat.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tissospendi lil Emanuel Cilia milli jżomm jew jottjeni kwalunkwe xorta ta’ liċenzja tas-sewqan għal dak il-perjodu ta’ żmien li jidrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sgurta’ tal-persuna ta’ Susanne Cilia u torbot lil Emanuel Cilia b’dawk il-kondizzjonijiet li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 214, 215, 216, 217, 221(1), 339(1)(e)(l) u 338(m)(bb)(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn liri maltin (Lm200). F’dan il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta’ l-imputat. Inoltre, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tinibih milli jkellem jew jimmolesta lil martu Susanne Cilia

taħt penali ta' mitt liri maltin (Lm100) għal perjodu ta' sena mil-lum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------